REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 429/2012

tat-22 ta' Mejju 2012

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 bil-għan li jkun hemm mudell komuni għan-notifika ta' żbalji mill-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(9) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba li n-notifika tal-iżbalji fid-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 minn manifattur skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 hija pass importanti fil-verifikazzjoni tad-dejta li tifforma l-bażi għall-kalklolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi kif ukoll tal-emissjonijiet speċifiċi medji għall-manifatturi kollha, xieraq li jkun hemm proċedura ċara u trasparenti għal dik in-notifika.

(2) Huwa xieraq ukoll li jkun stipulat l-użu ta' mudell komuni għan-notifika tal-iżbalji sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni nnotifikata mill-manifatturi lill-Kummissjoni tista' tkun verifikata u pproċessata f'waqqitha.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 [2], jiżdiedu l-paragrafi 3, 4 u 5 li ġejjin:

"3. Il-manifatturi li jinnotifikaw l-iżbalji f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 għandhom jużaw is-settijiet tad-dejta proviżorji nnotifikati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(4) bħala l-bażi tan-notifika tagħhom.

In-notifka tal-iżball għandha tinkludi s-settijiet tad-dejta kollha relatati mar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi li huwa responsabbli għalihom il-manifatturi li qed jibgħat in-notifika.

L-iżball għandu jkun indikat permezz ta' entrata separata fis-sett tad-dejta għal kull verżjoni, intitolata "Kummenti mill-manifattur", fejn għandu jkun speċifikat wieħed minn dawn il-kodiċijiet li ġejjin:

(a) **Kodiċi A**, fil-każ li r-rekords ġew mibdula mill-manifattur;

(b) **Kodiċi B**, fil-każ li l-vettura ma tistax tiġi identifikata;

(c) **Kodiċi C**, fil-każ li l-vettura taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jew il-produzzjoni tagħha twaqqfet.

Għall-finijiet tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, vettura ma tistax tiġi identifikata meta l-manifattur ma jistax jidentifika jew jikkoreġi l-kodiċi għat-tip, għall-varjant u għall-verżjoni, jew fejn applikabbli, għan-numru tal-approvazzjoni tat-tip indikat fis-sett tad-dejta proviżorju.

4. Meta manifattur ma jkunx innotifika l-iżbalji lill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu, jew meta n-notifika tiġi sottomessa wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur stipulat fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, il-valuri proviżorji notifikati f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu kkunsidrati bħala finali.

5. In-notifika tal-iżball msemmija fil-paragrafu 3 għandha tintbagħat f'format elettroniku li ma jistax jitħassar, immarkata "Notifika ta' żball — emissjonijiet ta' CO_2 mill-karozzi" u għandha tintbagħat fuq dan l-indirizz:

European Commission
Secretariat General
B-1049 Brussels
BELGIUM

Għall-finijiet ta' informazzjoni għandha tintbagħat kopja elettronika tan-notifika fuq dawn l-indirizzi elettroniċi:

EC-CO2-LDV-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu

kif ukoll

CO2-monitoring@eea.europa"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.
[2] ĠU L 293, 11.11.2010, p. 15.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO